Ċirkolari tal-UPM Nru. 31/2008

Uffiċċju tal-Prim Ministru
Berġa ta' Kastilja
Valletta, VLT 2000

15 ta' Diċembru, 2008

Segretarji Permanenti
Diretturi Ġenerali
Diretturi

**BUMUNQAR L-AĦMAR TAL-PALM (RED PALM WEEVIL)**

Il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jixtieq jiġbed l-attenzjoni tagħkom, għal insett magħruf bħala l-Bumunqar l-Aħmar tal-Palm (Red Palm Weevil). Dan l-insett, li jinstab f'diversi pajjiżi fl-Ewropa u fil-Mediterran, qed jinfetta l-palm f'diversi inħawi fil-gżejjer Maltin.

Din il-ħanfusa tagħmel ħsara kbira fuq il-palm minħabba li l-*larvae* tiegħu jgħawwru u jieklu z-zokk prinċipali li jikkawża l-mewt tal-palma. Huwa diffiċli biex tinduna minn kmieni li l-palma hija nfettata bil-Bumunqar Aħmar tal-Palm, għaliex l-insett jibda ċ-ċiklu tiegħu minn ġewwa l-palma. Ħafna drabi, meta wieħed jinnota l-ewwel sintomi, il-ħsara kkawżata lill-palma tkun diġa kbira ħafna.

Mill-osservazzjonijiet tad-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjijet Rurali, kif ukoll minn deċiżjoni tal-Kumissjoni tal-Unjoni Ewropeja (2007/365/EC) u l-emendi tagħha, jidher li, l-infestazzjoni permezz ta' dan l-insett qed jinfirex u għaldaqstant qed tittieħed azzjoni fuq diversi livelli biex dan jiġi kkontrollat.

Bħala parti minn din l-istrateġija, kull Ministeru huwa mitlub li jassigura li kull Dipartiment u Entita' li jaqa' taħt id-dekasteru tiegħu javża lid-Dipartiment għas-Saħħa tal-Pjanti, Ministeru għarr-Riżorsi u Affarijiet Rurali, fuq in-numru tat-telefon 23397100 / 222/ 223 jew fuq l-email plantquarantine@gov.mt dwar kull palma li għandhom fil- propjeta' tagħhom.

Dott. Godwin Grima
Segretarju Permanenti Ewlieni

cc